**STQARRIJA GĦALL-AĦBARIJIET: 27 ta’ Marzu 2017**

## STĦARRIĠ DWAR L-ICT B’XEJN GĦALL-IMPJEGATI TAL-OSPITALITÀ

L-Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-MCA), b’kollaborazzjoni mal-eSkills Foundation, mad-Direttorat tad-Data Protection*,* u mal-Malta Hotels and Restaurants Association, ipprovdiet stħarriġ b’xejn lill-impjegati tal-industrija tal-ospitalità bl-għan li tkabbar u ssaħħaħ il-ħiliet diġitali ta’ dawn l-individwi. Fid-dinja tal-lum, il-ħiliet diġitali huma essenzjali kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell ta’ negozju. Min-naħa tal-individwu personali, il-ħiliet diġitali joħolqu lok fejn l-individwu jista’ jipparteċipa fl-ekonomija diġitali, lok għal kwalità ta’ ħajja aħjar, u anke jiffaċilitaw il-komunikazzjoni b’mod ġenerali. Dawn il-ħiliet iwasslu wkoll għal iktar prospettivi posittivi, għall-mobilità, u għal iktar opportunitajiet fil-qasam tal-impjieg. Min-naħa l-oħra, f’dak li jikkonċerna n-negozju ma jistax jonqos li aktar kemm l-impjegati jtejbu l-ħiliet diġitali tagħhom, aktar tiżdied l-effiċenza fl-operat tal-kumpaniji.

Il-programm tat-taħriġ involva bosta suġġetti dwar it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet tagħha, li jvarjaw minn programmi *standard* tal-kompjuter, għal midja soċjali u għal kwistjonijiet relatati mad-*data protection;* kollha fil-kuntest tal-industrija tal-ospitalità.

L-Onor. Ministru Emmanuel Mallia kien preżenti f’waħda mis-sessjonijiet tat-taħriġ, fejn stqarr li, ‘Din hi biss waħda mill-bosta inizjattivi li flimkien qegħdin jikkontribwixxu sabiex tissaħħaħ is-soċjetà diġitali tal-lum. Ninsab verament kburi bil-livell ta’ kollaborazzjoni li kien kemm bejn l-entitatjiet, kif ukoll bejn Ministeri differenti; u dan jinkoraġġixxini sabiex dejjem inkompli nħares ‘il quddiem. Din l-inizjattiva hija wkoll eżempju ċar tad-devozzjoni li għandu l-Gvern sabiex jiżgura li kull individwu u kull negozju jibbenifika mill-opportunitajiet li ġġib magħha t-teknoloġija. F’dan il-każ, mhux l-individwi biss qegħdin jibbenifikaw, imma anke l-kumpaniji. Barra minn hekk, wieħed ma jistax jinsa l-impatt kollettiv li dan it-taħriġ se jħalli fuq l-industrija b’mod ġenerali.